**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Raymond Aquilina]**

**vs**

**Keith Falzon**

**Kumpilazzjoni Numru: 226/2011**

**Illum, 8 ta' Gunju, 2017**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Keith Falzon detentur tal-karta tal-identita` numru 506080M.

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fis-sena 2009 u fis-snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda-

1. Irrenda ruhu komplici fl-ghoti ta' dikjarazzjonijiet jew certifikati foloz a tenur tal-artikoli 42 u 185 tal-Kodici Kriminali
2. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, wieghed, ta jew offra, sew b'mod dirett jew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna, li asserixxiet jew ikkonfermat li kienet kapaci taghmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub-titolu IV tat-Titolu III tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex igieghel lil dik l-istess persuna tesercita dik l-influwenza;
3. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, talab, ircieva jew accetta xi offerta jew weghda ta' xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghal

hadd iehor bil-ghan jesercita xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub-titolu IV tat-Titolu III tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn wiehed mid-dokumenti imsemmija fl-artikolu 185 tal-Kodici Kriminali a tenur tal-artikolu 186 tal-Kodici Kriminali;
5. Kif ukoll aktar talli sar ricediv b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datati 04 ta' Frar 2008 u 17 ta' Marzu 2009 liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda refrattarja kif ukoll illi l-imputat huwa addebitat bl-aggravju tar-recidiva;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluzi ix-xhieda prodotti;

Rat li l-imputat kien irregistra ammissjoni fis-seduta tal-erbgha (4) ta' Gunju elfejn u tnax (2012) fejn huwa kien talab sabiex jitheja Pre Sentening Report minn ufficjal tal-Probation;

Rat pero` li s-sitwazzjoni tal-imputat ma kienet xejn felici anke waqt li kien qed jithejja l-PSR u dan ghaliex skond ix-xiehda tal-ufficjal tal-Probation Maria Mifsud, l-imputat ma kienx qed isegwi d-direzzjonijiet taghha billi ma kienx qed jattendi l-appuntamenti moghtija minnha u anke ma kienx qed jaghtiha kampjuni tal-urina peress li l-imputat kellu l-vizzju tad-droga li kien wiehed pjuttost gravi;

Illi l-Qorti ordnat li l-ufficjal tal-Probation tkompli ssegwih in vista ta' din ix-xiehda b'dan pero` li f'kull xiehda li din kienet taghti kienet dejjem issostni illi l-imputat ma kienx qed jaghmel sforz sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga u ma kienx jattendi ghall-appuntamenti moghtija minkejja l-fatt li hija kienet taghmel dak kollu possibbli sabiex takkomodah;

Illi fis-seduta tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Settembru elfejn u tlettax (2013) gie nominat Dr. Mario Scerri sabiex jiehu d-demm tal-imputat darba f'gimgha u dan sabiex jistabbilixxi jekk l-imputat kienx ghadu bid-dipendenza;

Illi l-imputat inghata diversi okkazzjonijiet tul dawn il-proceduri sabiex jirriabilita ruhhu izda huwa dejjem baqa' ghaddej bil-hajja li ried hu;

Illi l-imputat tul il-kors ta' dawn il-proceduri inghata wkoll Ordni ta' Trattament taht l-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fl-erba' (4) ta' Lulju elfejn u sittax (2016) u dan sabiex jinghata kura psikjatrika anke minhabba l-fatt li l-imputat kellu tratti suwicidali;

Illi fis-seduta tat-tlieta (3) ta' April elfejn u sbatax (2017) l-imputat rega' ikkonferma l-ammissjoni tieghu ghall-akkuzi kif dedotti kontrih u dan wara li l-ufficjal tal-Probation xehdet bil-gurament illi l-imputat kien qed jiskonta zewg sentenzi ta' prigunerija effettiva u mill-habs huwa kien ghamel avvanz sostanjali. Hija infurmat lil Qorti li l-imputat hassu ahjar f'ambjent kontenut tal-

Forensic Ward ta' Monte Carmeli fejn huwa kien qed jigi segwit minn professjonisti u li kien qed juri motivazzjoni sabiex jeghleb id-dipendenza fuq id-droga.

Ghalhekk, din il-Qorti wara li rat l-*iter* kollu ta' dawn il-proceduri thoss li l-aktar haga gusta u sensata f'dawn ic-cirkostanzi hu li filwaqt li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih stante ammissjoni, hi li taghtih piena ta' habs effettiv sabiex jkompli jirriforma ruhhu bil-ghan li finalment imur isegwi programm residenzjali kontra d-dipendenza fuq id-droga. Izda sabiex isir dan, l-imputat ghandu jkompli jirrisjedi fil-Forensic Ward sabiex ma jithawwadx mill-ambjent li kien mdorri fih dan l-ahhar.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 18, 49, 50, 121A(1), 121A(2), 185 u 186 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u stante li t-tielet (3) akkuza hija assorbita fit-tieni (2) akkuza fuq ammissjoni, qed issibu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u tikkundannah ghal hmistax-il xahar (15) prigunerija. Din il-Qorti qeghda wkoll terga' tikkonferma l-Ordni ta' Trattament moghtija precedentement b'mod provvizjorju datata erbgha (4) ta' Lulju elfejn u sittax (2016) bl-istess kundizzjonijiet u dan ghal zmien sena (1).

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imputat ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

---

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**